MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Stqarrija**

13 ta' Settembru 2019

# L-MFSA tqis il-konformità mar-regolamenti dwar il-kriminalità finanzjarja bħala prijorità strateġika ewlenija

*Diġà twettqu l-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-Moneyval, b'oħrajn għaddejja l-ħidma fuqhom*

- Għall-MFSA, il-konformità mal-AML/CFT hi prijorità strateġika ewlenija u f'dan il-qasam trid tilħaq l-ogħla standards Ewropej
- Numru ta' inizzjattivi diġà twettqu, u wasslu ghall-introduzzjoni ta' verifiki estensivi tal-AML/CFT tul il-fażijiet kollha tal-proċess superviżorju
- Żieda fin-numru ta' żjarat superviżorji għal skopijiet ta' AML/CFT b'kollaborazzjoni fil-qrib mal-FIAU

Konxja minn kemm il-fenomenu tal-ħasil tal-flus sar aktar sofistikat madwar id-dinja, l-MFSA fl-aħħar xhur investiet bis-saħħa fit-tisħiħ tal-istandards u l-proċeduri marbuta mal-ġlieda kontra l-ħasil ta' flus. Wara konsultazzjonijiet estensivi mal-organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali kif ukoll esperti fis-settur, fi Frar 2019 l-MFSA nediet l-istrateġija tagħha dwar l-AML/CFT.

Fost l-bidliet li twettqu fl-aħħar tnax-il xahar, l-MFSA:

- Waqqfet funzjoni ddedikata tal-Financial Crime Compliance (FCC) biex tirrifletti aħjar l-importanza strateġika tas-superviżjoni tal-AML/CFT bħala parti intrinsika tal-ħidma tal-MFSA kemm mill-qasam prudenzjali kif ukoll tal-kondotta. Din il-funzjoni ssaħħet aktar permezz ta' tim ta' esperti internazzjonali, li jippermetti lill-MFSA biex tikseb livell bla preċedent ta' dettall u kwalità fl-ispezzjonijiet konġunti tal-entitajiet liċenzjati, b'ħidma mill-qrib mal-FIAU biex tiżdied il-kwalità u l-intensità ta' dawn l-investigazzjonijiet. Ir-riżorsi addizzjonali wasslu għal żieda sostanzjali fin-numru ta' spezzjonijiet li saru.

- Introduċiet verifiki tal-AML/CFT aktar dettaljati u estensivi tul il-fażijiet kollha tal-proċess superviżorju. B'mod partikolari, il-proċess ta' awtorizzazzjoni sar aktar rigoruż, b'enfasi fuq l-istruttura tax-*shareholding*, il-qafas ta' governanza (inklużi l-funzjonijiet ewlenin), kontrolli interni u mudelli kummerċjali preżentati. B'riżultat ta' dawn il-verifiki rigorużi, in-numru ta' applikazzjonijiet rifjutati fl-ewwel nofs tal-2019 żdied għal 25% minn 10% fl-2017.

- Ippubblikat dokument ta' gwida għal proċeduri li jassiguraw li persuna hija "fit and proper", u li għandhom jiġu applikati f'kull fażi tal-proċess ta' liċenzjar ta' entità, b'definizzjoni ta' dak li hu mistenni mill-applikanti matul il-proċess ta' *due diligence* li jridu jgħaddu minnu.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt

- Indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-Moneyval dwar ir-Reġistru tat-Trust Ultimate Beneficiary Owners, b'rabta ma' dak li hu mitlub fil-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku Nazzjonali li jirrigwarda l-informazjoni dwar il-beneficial ownership tat-trusts. Dan jinkludi t-twaqqif ta' reġistru ta' dawn l-azzjonisti tat-trusts, li se jkun estiż għat-trusts kollha sal-1 ta' Jannar 2020.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri kkummenta li: "Il-ħasil tal-flus hija sfida enormi għall-awtoritajiet regolatorji madwar id-dinja. Permezz ta' relazzjonijiet aktar b'saħħithom mar-regolaturi barranin u investiment fil-kapaċità u r-riżorsi tekniċi tagħna, qed niksbu għarfien aħjar dwar kif strutturi tal-kumpaniji jistgħu jintużaw biex jinħaslu l-flus. Se nkomplu naħdmu bla heda biex ngħollu l-istandards superviżorji fil-qasam tal-AML/CFT biex l-MFSA tkun tista' ssir mudell f'dik li hi konformità mar-regolamenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja fl-Ewropa."

## DWAR L-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt